**_L-andament tal-Lombard kif kien mistenni_**

Il-Bord tad-Diretturi ta' Lombard Bank iltaqa' aktar kmieni din il-ġimgħa biex jikkunsidra l-progress tal-Grupp għas-sitt xhur li għalqu fit-30 ta' Ġunju 2009. F'*Company Announcement*, Lombard irrapporta qliegħ qabel il-ħlas tat-taxxa ta' €5.41 miljun għall-Bank (żieda ta' 5.7% fuq l-2008) u ta' €6.44 miljun (tnaqqis ta' 17% fuq l-2008) għall-Grupp. Il-Bord spjega li transazzjonjiet ta' darba li seħħew fil-MaltaPost p.l.c. fl-2008 u li ma reġgħux seħħew fl-2009, ħallew impatt fuq ir-riżultati tal-Grupp. It-*Total Assets* żdiedu bi 8.8% għal €570.44 miljun waqt li *Total Equity* żdied b'4.7% għal €63.93 miljun.

Il-Bank irrapporta żieda ta' 11.6% fil-qliegħ wara l-ħlas t-taxxa minn €3.31 miljun fl-2008 għal €3.69 miljun fl-2009, bin-*Net Interest Income* jilħaq is-€6.73 miljun, żieda ta' 2% fuq l-2008. *Total Operating Income* żdied b'9.0% għal €8.45 miljun. Il-Bank irreġistra wkoll sorsi ogħla ta' dħul li, flimkien ma' kontroll effettiv fl-infieq, niżżel il-*Cost-to-Income Ratio* notevolment għal 37.1%. Figuri sodi fil-*Balance Sheet* komplew jissaħħu aktar b'żieda ta' 9.0% f'*Customer Deposits* li laħqu l-€483.46 miljun.

Id-Diretturi nnutaw li minkejja sentimenti bierda fin-negozju fost riċessjoni globali, il- *Loans and Advances* baqgħu stabbli filwaqt li l-*Customer Deposits* żdiedu b'mod sodisfaċenti, u dan minkejja r-rati baxxi ta' nteressi rekord.

Il-Bank ikompli jaddotta filosofija biex jiżviluppa relazzjonijiet ta' negozju stabbli filwaqt li jibqa' sensittiv għall-karatteristiċi u l-ħtiġijiet tas-suq Malti.

Bħala kontributur importanti għall-progress tal-Grupp, MaltaPost p.l.c., l-akbar operatur postali f'Malta, tkompli topera tajjeb, minkejja li l-profitti kienu inqas mill-livelli rekord li ntlaħqu fl-2008. Minn mindu saret sussidjarja f'Settembru 2007, sinerġiji fil-Grupp ġew identifikati u d-Diretturi jemmnu li għad hemm potenzjal qawwi biex dawn is-sinerġiji jiġu sfruttati kemm jista' jkun.

Il-Bord tad-Diretturi jqis lill-Grupp bħala wieħed stabbilit tajjeb biex ikompli jipprovdi valur miżjud lill-partijiet interessati, minkejja ż-żminijiet ta' sfida preżenti. Il-lejalta` tal-klijenti, il-fiduċja tal-azzjonisti u l-impenn tal-istaff jinkoraġġixxu lill-Bord biex ikompli jħares lejn il-futur b'ottimiżmu kawt.

28 t'Awwissu 2009